Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Joseph Bajada

Vs

Lee Grima eżerċenti l-kummerċ bħala Grima Woodworks

CCT 85/21/MM

Illum, 4 ta' Ottubru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-31 ta' Mejju 2021 fejn talab is-somma ta' elf, tliet mija u għoxrin Ewro (€ 1320), prezz ta' xogħlijiet imħallsa mir-rikorrenti lil-intimat, liema xogħlijiet allegatament l-intimat baqgħa qatt ma wettaq u saħansitra dak kompletat ma kienx sar skont is-sengħa u l-arti.

Illi minkejja li l-intimat ġie debitament notifikat huwa baqgħa ma ppreżentax risposta u lanqas qatt ma deher għas-seduti jew ipproduċa provi.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi bil-ġurament tiegħu r-rikorrenti jsostni li huwa inkariga lill-intimat sabiex iwettaq xi xogħlijiet relatat mal-manifattura u installazjoni ta' bibien tal-injam ġewwa l-fond residenzjali tiegħu.

Illi r-rikorrenti jsostni li minkejja li ħallas il-prezz globali ta' Euro 2,900, l-intimat baqa'a ma temmx ix-xogħol pattwit u saħansitra kien hemm ukoll difetti fix-xogħol li huwa kien għamel. Prova ta' dan huwa ppreżenta ritratti varji tal-bibien kif ukoll skambju ta' korrispondenza bejnu u bejn l-intimat.

Illi r-rikorrenti saħansitra ppreżenta stima għax-xogħol li kien jonqos isir fl-ammont ta' Euro 1320.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel lok tajjeb li jiġi ċċarat il-fatt li minkejja li r-rikorrenti indika bħala ammont reklamat minnu t-total ta' Euro 1,320, iktar l'quddiem fit-talba tiegħu talab is-somma totali ta' Euro 1340 u saħanistra indika l-figuri ta' Euro 1400.

Illi a skans ta' konfużjoni, dan it-Tribunal filwaqt li jemmen li dak allegat mir-rikorrenti huwa veritier, m'huwiex dispost jaċċetta figuri varji iżda ser jistrieħ fuq it-talba oriġinali u saħansitra fuq il-provi prodotti. Ħareġ ampju mill-provi li l-ammont li għalih huwa intitolat ir-rikorrenti huwa dak skont l-istima li kjarament tinkludi wkoll l-ispejjeż tal-'lifter'. Illi għalhekk dan it-Tribunal ma jħossx li għandu jaċċetta somom għola mill-istima meta din tal-aħħar diġa tinkludi l-ispejjeż kollha inkorsi mir-rikorrenti u l-istess talba kienet oriġinarjament indikata mir-rikorrenti bħala finali. Spejjeż oħra li ma humiex pruvati fosthom il-permess għal-*lifter* ma humiex ser jiġu meqjusa.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa t-talba tar-rikorrenti billi jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' Euro 1,320.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru